MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 839/2014

**Michael Attard Limited**

**(C – 32362)**

**vs.**

**Anthony sive Antoine Vassallo**

**(K.I. Numru 825847 (M) u**

**Antonia Vassallo**

**(K.I. Numru 187446 (M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat il-25 ta' Settembru, 2014, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` hawn intimata Michael Attard Limited kisbet il-hrug ta' diversi mandati biex tesegwixxi l-kreditu taghha, inkluz il-mandat ta' sekwestru fuq indikat flimkien ma' mandat ta' qbid u xi ipoteki relattivi;

1.2. Illi l-mandat ta' sekwestru fuq riferit gie ezegwit f'idejn diversi persuni, fosthom l-Awtorita` tat-Trasport;

1.3. Illi konsegwentement l-imsemmija Awtorita` zammet it-trasferimenti tal-logbook tal-vetturi kolpiti nonostante li l-vetturi in dizamina huma fil-pussess ta' terzi;

1.4. Illi r-rikorrenti odjern jinnegozja l-karozzi;

1.5. Illi hi l-prassi li t-trasferiment ta' vetturi ikun finalizzat diversi xhur wara li l-vettura tkun inbieghet *stante* li t-*transfer* isir biss wara li jsir pagament ghas-saldu tal-prezz tal-vettura, (*hire purchase*);

1.6. Illi ghalkemm ir-rikorrenti odjern gie imwaqqaf milli jitrasferixxi l-*logbooks* ta' diversi vetturi, dan ma jfissirx li l-

vetturi huma tieghu *stante* li dawn kienu inbieghu ferm qabel ma' hareg il-mandat in kwistjoni;

1.7. Illi diversi vetturi gew registrati skorrettement f'isem ir-rikorrenti jew f'isem id-ditta tieghu, meta suppost kellhom jigu registrati f'isem is-socjeta` Antoine Autodealer Limited;

1.8. Illi l-prassi ta' l-Awtorita` *de quo* hi li f'kaz ta' sekwestru zzomm il-*logbooks*;

1.9. Illi pero` r-registrazzjoni ta' vettura mhix *haga* tad-debitur u ssir biss *ai fini* ta' l-Istat biex tigi stabbilita r-responsabilita` ghall-hlas ta' licenzji u multi;

1.10. Illi l-propjeta` tghaddi ma' l-oggett u mhux mar-registrazzjoni;

1.11. Illi ghalhekk l-Awtorita` *de quo* m'ghandiex dritt twaqqaf l-imsemmi trasferiment tal-*logbook* lil terzi;

1.12. Illi ghalhekk ir-rikorrenti odjern irid iwaqqaf l-esekuzzjoni tal-mandat *de quo* kif minnhu indikat fir-rikors promotur, (ara paragrafu numru disgha a foll 2);

1.13. Illi konsegwentement l-istess rikorrenti jitlob ir-revoka parzjali tal-mandat in dizamina biex jittrasferixxi l-erbgha (4) vetturi minnhu hemm indikati, (ara foll 2 u 3);

1.14. Illi ghaldaqstant jitolbu li din il-qorti:

1.14.1. Tirrevoka parzjalment *contrario imperio* l-istess mandat ta' sekwestru numru 190/14 fuq riferit;

1.14.2. Salv kull provediment iehor;

2.0. Rat ir-risposta datata l-10 t'Ottubru, 2014, li permezz taghha s-socjeta` hawn intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi hi kreditur tar-rikorrenti a bazi ta' kuntratt pubbliku datat it-30 ta' Gunju, 2006, in atti tan-Nutar Dr. Maria Briffa, u dan,

fl-ammont ta’ hames mija u seba` u disghin elf, disa` mija u disgha u ghoxrin Ewro, (€597,929.00);

2.2. Illi l-imsemmi att notarili gie debitament iskritt skont il-ligi u jgib in-numru 12354/06, (ara foll 21 *et sequitur*);

2.3. Illi l-imsemmi debitu, li llum bl-imghax u spejjez involuti ilahhaq kwazi l-miljun Ewro, (€1,000,000.00), ghadu mhux imhallas;

2.4. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti odjerni ghandhom djun ohra fil-konfront tas-socjeta` hawn intimata li jlahqu d-diversi miljuni;

2.5. Illi bhala garanzija tad-debitu fuq indikat datat it-30 ta’ Gunju, 2006, (ara paragrafu numru tnejn punt tnejn, (2.2.), aktar qabel), ir-rikorrenti odjerni kienu iskrivew diversi ipoteki fuq immobbli li kienu jiggradwaw wara diversi banek lokali;

2.6. Illi jirrizulta li diversi minn dawn l-ipoteki kienu gew ikkancellati minghajr il-kunsens tas-socjeta` hawn intimata, kif indikat mill-istess socjeta` intimata, (ara foll 14) u konsegwentement ittiehdu wkoll proceduri ta’ natura kriminali hemm indikati, (ara foll 14);

2.7. Illi konsegwentement din il-qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez;

3. Hadet ukoll konjizzjoni tar-riferenzi ghall-proceduri ohra li fihom kienu involuti l-kontendenti;

4. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6. Illi dan hu rikors *ai termini* tal-artiklu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz tieghu ir-rikorrenti qed jitolbu r-revoka parzjali tal-mandat ta' sekwestru fuq riferit mahrug fil-konfront taghhom;

7. Illi l-vertenza in dizamina taf l-origini taghha ghal debitu konsiderevoli li r-rikorrenti odjerni ghandhom *ex contractu* favur is-socjeta` hawn intimata (ara paragrafu numru tnejn punt wiehed, (2.1.), aktar qabel);

8. Illi l-mandat in dizamina intalab biss biex id-drittijiet tas-socjeta` hawn intimata jigu tutelati biex b'hekk, ibeghdu kemm jista` jkun il-possibilta` reali tal-malfazzjoni;

9. Illi ghalhekk il-vertenza in dizamina hi biss wahda limitata ghall-kontendenti odjerni u allura, r-relazzjoni bejn ir-rikorrenti odjerni u l-Awtorita` tat-Trasport ghal Malta hi ghal kollox estranea ghall-istess;

Ikkunsidrat:

10. Illi hawn si tratta unikament il-fatt jekk is-socjeta` hawn intimata abbuzatx il-proceduri rezi possibbli ghaliha in tutela tad-drittijiet taghha biex b'hekk tipprotegi il-kreditu konsiderevoli li ghandha favur ir-rikorrenti odjerni;

11. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta pacifiku li l-istess socjeta` hawn intimata irnexxiela tottjeni s-sekwestru in dizamina bis-sahha tal-kreditu kospikwu li hi ghandha fil-konfront tar-rikorrenti odjerni;

12. Illi ghalhekk jirrizulta li l-istess socjeta` qeghda biss tipprotegi l-posizzjoni taghha skont il-ligi u bl-ebda mod m'hi tabbuza fil-konfront tar-rikorrenti;

**DECIDE:**

13.0. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti odjerni ma ppruvawx il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement:

13.1. Takkolji r-risposta tas-socjeta` hawn intimata;

13.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti odjerni;

13.3. Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------